MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**

**JOSEPH R. MICALLEF**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2015

Appell Civili Numru. 65/2007/2

**AIC Joseph Barbara, Josephine mart Raymond Azzopardi f'isimha proprju u kif ukoll bhala prokuratrici tal-imsiefra Anna Maria mart Salvatore Saddemi, Patricia mart David Anastasi u Greta mart Anthony Bartolo Parnis u b'digriet tat-23 ta' Gunju 2009, wara l-mewt tal-Perit AIC Joseph Barbara, il-kaz tkompla mir-rikorrenti l-ohra**

**v.**

**L-Onorevoli Prim Ministru, l-Onorevoli Vici Prim Ministru u Ministru tal-Intern u Gustizzja, l-Avukat Generali u Philip Grima**

**Il-Qorti:**

Dawn huma proceduri ta’ ritrattazzjoni wara sentenza li tat din il-Qorti fil-31 ta’ Jannar 2014, li biha giet konfermata sentenza moghtija fit-28 ta’ Novembru 2011, mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha li permezz taghha gie deciz billi:

1. laqghet it-talba tar-rikorrenti u ddikjarat li l-Artikolu 12A tal-Ordinanza dwar il-Kontroll tal-Kiri tad-Djar (Kap. 158) jilledi d-dritt tar-rikorrenti ghat-tgawdija tal-appartament numru tnejn u erbghin (42), St. Julian’s Court, Triq is-Sur Fons, San Giljan, kif imharsa mill-Artikolu 1 tal-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja;

2. iddikjarat li l-Artikolu 12A tal-Kap. 158 m’ghandux jigi applikat fil-konfront tar-rikorrenti u li l-intimat u/jew successuri tieghu m’ghandhom jiehdu l-ebda beneficcju mill-istess;

3. ikkundannat lill-Istat sabiex ihallas kumpens lir-rikorrenti ta’ hmistax-il elf Euro (€15,000).

Wara din is-sentenza kemm l-intimat Philip Grima kif ukoll l-intimati l-ohra l-Onor. Prim Ministru et resqu talba ghar-ritrattazzjoni ta’ dik is-sentenza. Fis-seduta tal-21 ta’ Ottubru 2014, din il-Qorti ssollevat *ex officio* l-punt dwar jekk, skont il-ligi, hemmx dan ir-rimedju ta’ ritrattazzjoni wara sentenzi moghtija minnha. Din il-Qorti tat l-opportunita` lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw din il-kwistjoni f’seduta sussegwenti.

Wara li din il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet fuq dan il-punt u anke fuq il-meritu, tinsab f’pozizzjoni li taghti d-decizjoni taghha, fl-ewwel lok fuq il-materja sollevat minn din l-istess Qorti li jekk tintlaqa’ tidderimi l-kawza kif issa proposta.

Il-punt dwar jekk hemmx ritrattazzjoni mis-sentenzi ta’ din il-Qorti gie sollevat diversi drabi quddiem l-istess Qorti u d-decizjoni kienet wahda fin-negattiv, fis-sens li, fl-ordinament guridiku Malti, ma hemmx kontemplat procedura ta’ ritrattazzjoni minn sentenzi ta’ din il-Qorti.

Hekk fil-kawza **Il-Pulizija v. Ellul Sullivan et** deciza minn din il-Qorti fl-24 ta’ Jannar 1990, saret referenza ghal decizjoni precedenti fis-sens kif fuq inghad u rega’ gie ribadit li possibilita` ta’ ritrattazzjoni mill-qrati ta’ kompetenza kostituzzjonali ma jezistix. Intqal hekk fuq il-materja:

*“Il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-kritika li l-Kummissarju tal-Pulizija ghamel tas-sentenza fil-kawza fl-ismijiet* ***Joseph Galea v. Onor Ministru tax-Xoghlijiet Pubblici*** *deciza fil-25 ta’ Gunju 1986, li kienet irritjeniet li l-procedura ta’ ritrattazzjoni ma kinitx kontemplata ghal decizjoni moghtija minn din il-Qorti izda, wara li rriflettiet fuqha fit-tul, ma tarax li ghandha tiddipartixxi mill-konkluzjoni minnha raggunta fl-imsemmija sentenza. Dak li mhux qieghed izomm quddiem ghajnejh l-istess Kummissarju tal-Pulizija huwa li l-Kostituzzjoni fl-Art. 46 qieghda tistabilixxi gurisdizzjoni specjali sabiex jigu salvagwardati d-drittijiet fundamentali kontemplati fil-Kostituzzjoni u ghal finijiet ta’ din il-gurisdizzjoni specjali qeghda tistabilixxi procedura specjali u tikkonferixxi certi setghat sabiex il-Qorti tezercita dik il-gurisdizzjoni specjali – tant li fl-Art. 46(6) u l-Art. 95(4) qeghda tikkontempla setghat zejda li jigu moghtija b’Att tal-Parlament sabiex “il-Qorti tkun tista’ effettivament tezercita* ***l-gurisdizzjoni moghtija lilha b’dan l-artikolu”*** *(sottolinear tal-Qori);*

*“Appuntu ghaliex si trattava ta’ gurisdizzjoni u procedura specjali, il-Kostituzzjoni hasset in-necessita` li taghti espressament id-dritt ta’ appell u fil-fatt fl-Art. 46(4) iddisponiet li kull parti fi proceduri migjuba quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Civili skont l-istess Artikolu jkollha dritt ta’ appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. Kieku ma kienx hemm din id-dispozizzjoni ad hoc, ma kienx ikun hemm dan id-dritt ta’ appell lil din il-Qorti;*

*“Izda l-Kostituzzjoni ma kkontemplatx li taghti wkoll id-dritt ta’ ritrattazzjoni li huwa dritt straordinarju u l-Qorti ma tarax li jkun lecitu li taghti lilha nfisha dan id-dritt straordinarju li f’certi kazi tisma’ r-ritrattazzjoni tal-kawza meta l-istess Kostituzzjoni ma taghtihiex dan id-dritt,* ***multo magis*** *meta l-ligi stess fl-Art. 45 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili tiddisponi espressament li l-Qorti Kostituzzjonali tezercita dik il-gurisdizzjoni kif ikun provdut fil-Kostituzzjoni ta’ Malta (sottolinear tal-Qorti), u meta wiehed jista’ jzid, il-Kostituzzjoni stess trid li l-prcoedura tkun b’rikors u s-smigh ikun b’kull heffa possibbli. Kif gie deciz f’Camilleri utrinque (Kollez. Dec. Vol. IX, p.351): “il difetto di provvedimento nella legge non puo` essere supplito dal ministero del tribunale” – “Judicis est jus dicere non dare”. L-Imhallef ghandu jammnistra l-ligi u mhux jaghmilha hu.”*

Aktar recentement, il-Prim’Awla tal-Qorti Civili, fil-kompetenza kostituzzjonali taghha, fil-kawza **Spiteri et v. Avukat Generali et**, ikkonfermat dan il-principju wara li qalet:

*"Illi l-argument ta' kemm jista' jsir smiegh mill-gdid ta' kwistjoni ta' natura kostituzzjonali giet deciza mill-Qrati taghna. Ghalkemm kien hemm xi okkazzjonijiet fejn il-Qrati dehru li kienu mhajrin jaccettaw ritrattazzjoni ta' decizjonijiet kostituzzjonali, jidher li llum il-linja l-izjed milqugha u segwita mill-oghla Qrati Maltin hi fis-sens li dak l-istitut ta' natura eccezzjonali fid-Dritt Procedurali Malti ma kienx jista' jestendi ghal proceduri mehudin ghal rimedju dwar allegat ksur ta' jedd fundamentali mahsub taht il-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni jew taht id-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta.[1]"*

Wara dawn is-sentenzi, il-legislatur Malti emenda l-Artikolu 811 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta), izda kkonceda dritt ta' ritrattazzjoni wara sentenzi tal-Qorti Civili, Prim'Awla fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha, u intenzjonalment eskluda dan ir-rimedju wara decizjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali. Inghad intenzjonalment, ghax il-gvern tal-gurnata kien zgur konxju mis-sentenzi fuq imsemmija, izda xorta wahda ma deherlux li kellu jipproponi li jestendi dan ir-rimedju ghas-sentenzi moghtija minn din il-Qorti.

Dan l-artikolu tal-ligi mhux qed jigi attakkat, u mhux qed jigi allegat li dak l-artikolu jikser id-drittijiet fundamentali ta' dak li jkun.

Hu minnu li l-Qorti Kostituzzjonali, fejn jidhlu d-drittijiet tal-bniedem, hija qorti ta' revizjoni wara decizjoni moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili. Jibqa l-fatt,

[1] Ara App. Kost. **28.6.1996** fil-kawza fl-ismijiet **Paul Stoner et v. Onor Prim Ministru et** (mhix pubblikata) u l-ghadd ta' sentenzi hemm imsemmija.

pero`, li l-Qorti Kostituzzjonali m'hijiex Qorti tal-Appell, u ghandha gurisdizzjoni specjali u funzjoni partikolari li jinsabu lill'hinn mill-process ordinarju regolat bil-Kap. 12 imsemmi. Ir-rimedju ta' ritrattazzjoni huwa rimedju straordinarju, bil-procedura tkun applikabbli biss fil-kazijiet espressament kontemplati fil-ligi li, gie ritenut, jridu jinghataw interpretazzjoni stre ttissima u litterali (ara, perezempju, il-kawza **Testaferrata Moroni Viani et v. Vella**, deciza mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Settembru 2004). Darba l-ligi ma tikkontemplax ritrattazzjoni mis-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali ma tistax, dik il-Qorti stess, tohloq tali rimedju. Il-kaz inghalaq mad-decizjoni ta' din il-Qorti, salv id-dritt tac-cittadin milqut hazin li, forsi ghat-tielet darba jressaq l-ilment tieghu quddiem il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Darba r-rikors promotur huwa rritwali u null, din il-Qorti ma tistax u m'hijiex se tidhol f'kwistjonijiet periferali sollevati mill-partijiet – salv id-dritt ta' min hu interessat li jissoleva l-materji bi proceduri *ad hoc si et quatenus*.

Ghal dawn il-motivi ghalhekk, u ghar-ragunijiet esposti, il-Qorti tiddeciedi l-punt fuq imsemmi billi tiddikjara li l-procedura ta' ritrattazzjoni mhix kontemplata u kwindi ma tistax tigi adoperata f'kazijiet bhal dak prezenti, u konsegwentement tiddikjara r-rikorsi ta' ritrattazzjoni tal-imsemmija intimati ritrattandi irriti u nulli u ma tiehux konjizzjoni taghhom. L-ispejjez ghandhom

jigu sopportati mill-istess intimati ritrattandi, b'kull parti thallas l-ispejjez marbuta mar-rikors taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------